MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 383/2010

Crosscraft Company Limited (C6078).

Vs

Stefano Montebello (ID. 52585M) f'ismu proprju u ghan-nom tad-ditta S.M. Properties.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elfejn, erba mija, seba u hamsin ewro u seba u disghin centezmu (€2457.97) oltre l-imghax legali mid-19 ta' Jannar 2010, skond ftehim ta' bejgh milhuq ghal konsenja ta' bejgh ta' *gas hob, built-in oven, washing machine* u *fridge*, liema oggetti gew kkonsenjati fil-fond 178, St. Catherine Street, Hal Qormi. Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' l-ittra legali tas-17 ta' Frar 2010, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta’ elfejn, erba mija, seba u hamsin ewro u seba u disghin centezmu (€2457.97), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------